Nru./No. 20,010
Prezz/Price
€5.04

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju, 2018
Friday, 15th June, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5729 - 5734
Government Notices ..... *5729 - 5734*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5734 - 5739
Police Notices ..... *5734 - 5739*

Avviżi lill-Baħħara ..... 5739 - 5740
Notices to Mariners ..... *5739 - 5740*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 5740 - 5811
Employment Opportunities ..... *5740 - 5811*

Avviżi tal-Gvern ..... 5811 - 5815
Notices ..... *5811 - 5815*

Offerti ..... 5815 - 5825
Tenders ..... *5815 - 5825*

Avviżi tal-Qorti ..... 5825 - 5836
Court Notices ..... *5825 - 5836*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 713

IL-PRESIDENT TA' MALTA TERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETHA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġgħet daħlet għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tagħha ta' President nhar it-Tlieta, it-12 ta' Ġunju, 2018.

Is-Sa Dolores Cristina ma baqgħetx taqdi l-funzjonijiet ta' President.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

Nru. 714

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħet mogħtija bl-Art. 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Aġent President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innominat lill-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef għall-perjodu taż-żmien mis-27 ta' Mejju, 2018 sat-3 ta' Ġunju, 2018, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Joseph Azzopardi.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

Nru. 715

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TA' BINI (KAP. 69 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

Bord li Jirregola l-Kera

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 17 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, il-President ta' Malta approvat in-nomina tal-persuni hawn taħt imsemmija biex jiffurmaw parti mil-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili għal skopijiet tal-Ordinanza msemmija għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-30 ta' Marzu, 2018, b'żieda mal-ismijiet ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' April, 2018.

Il-Perit Edgar Rossignaud
Il-Perit Marie Louise Caruana Galea

Il-11 ta' Ġunju, 2018
MJCL 127/2016

GOVERNMENT NOTICES

No. 713

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Tuesday, 12th June, 2018.

Mrs Dolores Cristina has ceased to perform the functions of President.

15th June, 2018

No. 714

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred under Art. 98 of the Constitution of Malta, the Acting President of Malta on the advice of the Prime Minister nominated the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo to serve the functions of Acting Chief Justice for the period of time from the 27th May, 2018 to the 3rd June, 2018, during the absence of His Hon. the Chief Justice Joseph Azzopardi.

15th June, 2018

No. 715

RELETTING OF URBAN PROPERTY (CAP. 69 OF THE LAWS OF MALTA)

Rent Regulation Board

IN exercise of the powers conferred by Article 17 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, the President of Malta has approved the appoiontment of the following persons to form part of the Panel of Architects and Civil Engineers for the purpose of the said Ordinance for a period of two years with effect from the 30th March, 2018, in addition to the names of those persons already published in the Government Gazette of the 3rd April, 2018.

Perit Edgar Rossignaud
Perit Marie Louise Caruana Galea

11th June, 2018

Nru. 716

ATT DWAR IT-TIĠDID TAL-KIRI TA' RABA' (KAP. 199)

Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba'

BIS-SAĦĦA tas-setgħet mogħtija bl-Artikolu 5 tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' (Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Prim Ministru nnomina lill-persuni hawn taħt imsemmija biex jikkostitwixxu l-lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili għall-iskopijiet tal-Att imsemmi għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mid-19 ta' April, 2018, u lis-Sur Anthony Borg, lis-Sur Adrian Bugeja Douglas, lis-Sur Dione Caruana u lis-Sur Anthony Mifsud fil-Lista ta' Persuni li jkunu kompetenti u jifhmu f'affarijiet tar-raba' għall-iskopijiet tal-Att imsemmi għall-istess perjodu.

Il-Perit Arielle Agius
Il-Perit Anthony Bezzina
Il-Perit Elena Borg Costanzi
Il-Perit Mark Camilleri
Il-Perit Marie Louise Caruana Galea
Il-Perit Edgar Caruana Montaldo
Il-Perit Mario Cassar
Il-Perit Stephanie Cassar
Il-Perit Mireille Fsadni
Il-Perit Philip Grech
Il-Perit David Pace
Il-Perit Edgar Rossignaud

Il-15 ta' Ġunju, 2018
MJCL/128/2016

No. 716

AGRICULTURAL LEASES (RELETTING) ACT (CAP. 199)

Rural Leases Control Board

IN exercise of the powers conferred by Article 5 of the Agricultural Leases (Reletting) Act (Cap. 199 of the Laws of Malta), the Prime Minister has appointed the following persons to constitute the Panel of Architects and Civil Engineers for the purposes of the said Act for a period of two years with effect from the 19th April, 2018, and Mr Anthony Borg, Mr Adrian Bugeja Douglas, Mr Dione Caruana and Mr Anthony Mifsud as persons competent and knowledgeable in agricultural matters for the purposes of the same Act for the same period.

Perit Arielle Agius
Perit Anthony Bezzina
Perit Elena Borg Costanzi
Perit Mark Camilleri
Perit Marie Louise Caruana Galea
Perit Edgar Caruana Montaldo
Perit Mario Cassar
Perit Stephanie Cassar
Perit Mireille Fsadni
Perit Philip Grech
Perit David Pace
Perit Edgar Rossignaud

15th June, 2018

Nru. 717

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Agrikoltura tal-Awtorità tal-Ippjanar

IKUN magħruf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tal-Artikolu 66 (1) u 66 (3) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà għoġbu jaħtar lis-Sur Neville Muscat bħala membru fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Agrikoltura tal-Awtorità tal-Ippjanar b'seħħ mid-29 ta' Mejju, 2018.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 717

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Agricultural Advisory Committee of the Planning Authority

IT is notified for general information that, in terms of Articles 66 (1) and 66 (3) of the Development Planning Act, the Parliamentary Secretary for Planning and the Property Market has appointed Mr Neville Muscat as a member on the Agricultural Advisory Committee of the Planning Authority with effect from the 29th May, 2018.

15th June, 2018

Nru. 718

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR GVERN LOKALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Cleavon Vella	Aġent Direttur *Acting Director*	Gvern Lokali *Local Government*	11 - 14.6.2018

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 718

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR LOCAL GOVERNMENT

THE Permanent Secretary within the Ministry for Justice, Culture and Local Government has approved the following acting appointment:

15th June, 2018

Nru. 719

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-promozzjoni tal-imsemmi hawn taħt għar-*rank* ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinstab ħdejn ismu.

Logutenent Bugelli Emanuel — id-9 ta' Mejju, 2018

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 719

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs and National Security is pleased to approve the promotion of the under mentioned to the rank of Captain with effect from the date shown against his name.

Lieutenant Bugelli Emanuel — 9th May, 2018

15th June, 2018

Nru. 720

KONSLU ONORARJU TA' MALTA FI FLORIDA, L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sinjura Amanda Cummins bħala Konslu Onorarju ta' Malta fi Florida, L-Istati Uniti tal-Amerika.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li gej:

8760 Watercrest Circle West
Parkland
Florida, 33076
United States of America

Numru tat-telefown: 001 954 913 9001
Numru tal-*mobile*: 001 954 913 9001

Email: (maltaconsul.parkland@gov.mt)

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 720

HONORARY CONSUL OF MALTA IN FLORIDA, UNITED STATES OF AMERICA

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mrs Amanda Cummins as Honorary Consul for Malta in Florida, United States of America.

The Consulate is situated at:

8760 Watercrest Circle West
Parkland
Florida, 33076
United States of America

Telephone number: 001 954 913 9001
Mobile number: 001 954 913 9001

Email: (maltaconsul.parkland@gov.mt)

15th June, 2018

Nru. 721

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Kumitat tal-Utenti tal-Awtorità tal-Ippjanar

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 505 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-27 ta' April, 2018, ngħarrfu illi l-Kumitat tal-Utenti tal-Awtorità tal-Ippjanar ġie maħtur mis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà u mhux kif kien indikat fin-Notifikazzjoni hawn fuq imsemmija.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 721

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Users' Committee of the Planning Authority

WITH reference to the Government Notice No. 505, published in the Malta Government Gazette of the 27th April, 2018, it is to be notified that the User's Committee of the Planning Authority has been appointed by the Parliamentary Secretary for Planning and the Property Market and not as indicated in the above mentioned Notice.

15th June, 2018

Nru. 722

***WARRANT* MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħatar bħala Kummissarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u/jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ

Is-Sa Ruth Mary Farrugia

B'Awtorità
Owen Bonnici
Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

Il-15 ta' Ġunju, 2018
(MJCL/124/2016/III)

No. 722

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice, Culture and Local Government appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry for Foreign Affairs and Trade Promotion

Ms Ruth Mary Farrugia

By Authority
Owen Bonnici
Minister for Justice, Culture and Local Government

15th June, 2018

Nru. 723

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Marco Burló bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Debono u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Ġunju, 2018 u t-12 ta' Ġunju, 2018.

Illum, it-13 ta' Ġunju, 2018

JANET CALLEJA
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 723

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burló to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Mark Anthony Debono for the period between the 8th June, 2018 and the 12th June, 2018.

Today, the 13th day of June, 2018.

JANET CALLEJA
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 724

QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Post ta' Seduta

NGĦARRFU li bis-saħħa tas-setgħet mogħtija bl-Artikolu 412(3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-fond 21 'Casa Galea', Pjazza Santa Elena, Birkirkara, bħala l-post li fih l-istess Qorti tagħti s-sentenzi tal-kawżi konnessi 'Il-Pulizija (l-Ispettur Elton Taliana) vs Michael Galea et' BK40/35, u 'Il-Pulizija (l-Ispettur Elton Taliana) vs Mary Rose Spiteri et' BK40/36 ilkoll tas-seduta tad-Distrett ta' Birkirkara tat-3 ta' Lulju, 2018, fis-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00 p.m.).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 724

COURT OF MAGISTRATES (MALTA) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

Place of Sitting

BE IT KNOWN that in virtue of the power afforded by Article 412(3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister for Justice, Culture and Local Government has consented to premises 21 'Casa Galea', Saint Helen's Square, Birkirkara, as being the place in which the same Court is to deliver judgements in connected cases 'Police (Inspector Elton Taliana) vs Michael Galea et' BK40/35, and 'Police (Inspector Elton Taliana) vs Mary Rose Spiteri et' BK40/36 both of which of the Birkirkara District Sitting of the 3rd July, 2018, at one in the afternoon (1.00 p.m.).

15th June, 2018

Nru. 725

QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Post ta' Seduta

NGĦARRFU li bis-saħħa tas-setgħet mogħtija bl-Artikolu 412(3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-fond 21 'Casa Galea', Pjazza Santa Elena, Birkirkara bħala l-post li fih l-istess Qorti tagħti s-sentenzi tal-kawżi konnessi 'Il-Pulizija (l-Ispettur Elton Taliana) vs Mary Rose Spiteri et' BK40/36, u 'Il-Pulizija (l-Ispettur Elton Taliana) vs Michael Galea et' BK40/35 ilkoll tas-seduta tad-Distrett ta' Birkirkara tat-3 ta' Lulju, 2018, fis-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00 p.m.).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

No. 725

COURT OF MAGISTRATES (MALTA) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

Place of Sitting

BE IT KNOWN that in virtue of the power afforded by Article 412(3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister for Justice, Culture and Local Government has consented to premises 21 'Casa Galea', Saint Helen's Square, Birkirkara, as being the place in which the same Court is to deliver judgements in connected cases 'Police (Inspector Elton Taliana) vs Mary Rose Spiteri' BK40/36, and 'Police (Inspector Elton Taliana) vs Michael Galea' BK40/35 both of which of the Birkirkara District Sitting of the 3rd July, 2018, at one in the afternoon (1.00 p.m.).

15th June, 2018

Nru. 726

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Avviż skont l-Artikolu 29

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 726

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372)

Notice in terms of Article 29

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notices made on such persons/companies.

Isem	*Referenza*
Emanuel Borg	689059M
Simon Galea and Naima Galea	113371M
Abdullah Al Sulayman	25047A
Donald Micallef	207082M
Ryan Mifsud	113963M
Pio J Farrugia	468662M
Jonathan Sant	449685M
Paul George Busuttil	116187M
Ronald Galea and Sarah Galea	274072M
Herbert Vassallo and Maria Vassallo	360571M
Benjamin Zammit Tabona	216473M
Charles Cassar JNR	39483M
Antoine Borg	39472M
Giuseppe Prosperino	79091A
Laurence Cassar	150767M
Alfred Ellul	52664M
Raymond Camilleri and Doris Camilleri	737457M
Salvina Farrugia	30637M

Il-15 ta' Ġunju, 2018

Nru. 727

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
15.6.2018	€35.707	€0.492

Il-15 ta' Ġunju, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 90

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Name	*Reference*
Emanuel Borg	689059M
Simon Galea and Naima Galea	113371M
Abdullah Al Sulayman	25047A
Donald Micallef	207082M
Ryan Mifsud	113963M
Pio J Farrugia	468662M
Jonathan Sant	449685M
Paul George Busuttil	116187M
Ronald Galea and Sarah Galea	274072M
Herbert Vassallo and Maria Vassallo	360571M
Benjamin Zammit Tabona	216473M
Charles Cassar JNR	39483M
Antoine Borg	39472M
Giuseppe Prosperino	79091A
Laurence Cassar	150767M
Alfred Ellul	52664M
Raymond Camilleri and Doris Camilleri	737457M
Salvina Farrugia	30637M

15th June, 2018

No. 727

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
15.6.2018	€35.707	€0.492

15th June, 2018

POLICE NOTICE

No. 90

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates u times indicated.

Ta' Kerċem

Nhar it-Tlieta, 3 ta' Lulju, 2018 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Triq San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq il-Bies, Triq il-Kalandrijiet, Triq Dr Anton Calleja u Pjazza San Girgor.

Nhar l-Erbgħa, 4 ta' Lulju, 2018 mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m. minn Pjazza Orvieto

Nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju, 2018 mit-8.30 p.m. sa nofsillejl minn Triq Dr Anton Calleja, Pjazza San Girgor u Pjazza Salvatore Busuttil.

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju, 2018 mit-8.30 p.m. san-00.30 a.m. minn Triq Għajn Tuta, Triq Pejpu, Triq Ġużeppi Briffa, Pjazza Orvieto, Triq Sarg., Triq S. S. Pietru Pawl u Pjazza San Girgor

Nhar is-Sibt, 7 ta' Lulju, 2018 mit-8.30 p.m. sa nofsillejl minn Triq Kerċem, Pjazza S. Busuttil, Pjazza San Girgor Pjazza Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa, Triq San Girgor, Triq Dr Anton Calleja u Triq il-Kalandrijiet.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Lulju, 2018 mid-9.30 a.m. sat-3.00 p.m. minn Pjazza Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa, Pjazza San Girgor u Triq Dr Anton Calleja.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Lulju, 2018 mis-6.15 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq San Girgor, Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sarg, Pjazza Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa, Pjazza Salvatore Busuttil, Triq Kerċem u Triq Madrè Margerita Debrincat.

Il-Fontana

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju, 2018 mid-9.00 p.m. sal-10.15 p.m. minn Triq ir-Rabat.

Il-Munxar

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju, 2018 mid-9.00 p.m. sal-10.15 p.m. minn Triq il-Munxar.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 91

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Ta' Kerċem

On Tuesday, 3rd July, 2018 from 6.30 p.m. till midnight through Triq San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq il-Bies, Triq il-Kalandrijiet, Triq Dr Anton Calleja and Pjazza San Girgor.

On Wednesday, 4th July, 2018 from 7.00 p.m. till 11.30 p.m. through Pjazza Orvieto

On Thursday, 5th July, 2018 from 8.30 p.m. till midnight through Triq Dr Anton Calleja, Pjazza San Girgor and Pjazza Salvatore Busuttil.

On Friday, 6th July, 2018 from 8.30 p.m. till 00.30 a.m. through Triq Għajn Tuta, Triq Pejpu, Triq Ġużeppi Briffa, Pjazza Orvieto, Triq Sarg., Triq S. S. Pietru Pawl and Pjazza San Girgor

On Saturday, 7th July, 2018 from 8.30 p.m. till midnight through Triq Kerċem, Pjazza S. Busuttil, Pjazza San Girgor Pjazza Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa, Triq San Girgor, Triq Dr Anton Calleja and Triq il-Kalandrijiet.

On Sunday, 8th July, 2018 from 9.30 a.m. till 3.00 p.m. through Pjazza Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa, Pjazza San Girgor and Triq Dr Anton Calleja.

On Sunday, 8th July, 2018 from 6.15 p.m. till 11.00 p.m. through Triq San Girgor, Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sarg, Pjazza Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa, Pjazza Salvatore Busuttil, Triq Kerċem and Triq Madrè Margerita Debrincat.

Fontana

On Friday, 6th July, 2018 from 9.00 p.m. till 10.15 p.m. through Triq ir-Rabat.

Munxar

On Friday, 6th July, 2018 from 9.00 p.m. till 10.15 p.m. through Triq il-Munxar.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

15th June, 2018

POLICE NOTICE

No. 91

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar it-Tlieta, it-18 ta' Ġunju, 2018, mis-7.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq il-Kbira, Triq San Ġorġ, Triq Dun Mario, Triq l-Iżbandola, Triq l-10 ta' Settembru, Fuq tal-Blat, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Mitħna, Triq San Franġisk, Triq it-Tensila, Triq il-Ħabbież u Triq il-Mejjilla.

Nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Ġunju, 2018, mit-8.30 p.m. san-00.30 a.m., minn Triq George Zammit, Triq Anġlu Borg, Triq Dun Ġwann Cilia, Triq il-Ħelsien, Triq id-Deheb Fin, Triq is-Sajf, Triq il-Għasel, Triq il-Ħarifa, Triq id-Dielja, Triq ix-Xitwa, Triq il-Bard, Triq ir-Rieġnu, Triq id-Dragun, Triq il-Vitorja u Triq Dun Ġwakkin Schembri.

Nhar il-Ħamis, l-20 ta' Ġunju, 2018, mis-7.30 p.m. san-00.30 a.m., minn Triq il-Kbira, Triq Santa Katerina, Triq Barrakki, Triq Stagno, Triq il-Ħelsien, Triq ix-Xitwa, Triq in-Naħal, Triq il-Bħajra, Triq is-Sajf, Triq ir-Rebbiegħa, Triq il-Plejju, Triq id-Dragun, Pjazza Ġużè Flores, Triq Pinto u Triq Dun Ġwakkin Schembri.

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Ġunju, 2018, mis-7.30 p.m. sas-1.30 a.m., minn Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Pinto, Pjazza Ġużè Flores, Triq Cappadoccia, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi u Pjazza San Franġisk.

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Ġunju, 2018, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, minn Pjazza Fredrick Meample, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq il-Kbira, Triq San Pietru, Triq Santa Katarina u Triq Pinto.

Triq Dun Ġwakkin Schembri (Tingħalaq għat-traffiku mis-7.00 a.m.)

Triq il-Vitorja (quddiem iċ-Ċentru tas-Saħħa tingħalaq mis-7.00 a.m.)

Triq il-Ħammieri (minn Triq l-Iżbandola sa Triq San Ġorġ tingħalaq mis-7.00 p.m.)

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Ġunju, 2018, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq tal-Ħlas, Triq il-Vitorja, Triq Alexandra, Triq il-Proża, Misraħ il-Kittieba, Triq San Edwardu, Triq Ġużè Muscat Azzopardi, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq Pinto, Triq it-23 ta' April, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina u Triq il-Kbira

Triq il-Ħammieri (magħluqa il-ġurnata kollha sas-2.00 a.m.)

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Qormi

On Tuesday, 18th June, 2018, from 7.00 p.m. till 1.00 a.m., through Triq il-Kbira, Triq San Ġorġ, Triq Dun Mario, Triq l-Iżbandola, Triq l-10 ta' Settembru, Fuq tal-Blat, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Mitħna, Triq San Franġisk, Triq it-Tensila, Triq il-Ħabbież and Triq il-Mejjilla.

On Wednesday, 19th June, 2018, from 8.30 p.m. till 00.30 a.m., through Triq George Zammit, Triq Anġlu Borg, Triq Dun Ġwann Cilia, Triq il-Ħelsien, Triq id-Deheb Fin, Triq is-Sajf, Triq il-Għasel, Triq il-Ħarifa, Triq id-Dielja, Triq ix-Xitwa, Triq il-Bard, Triq ir-Rieġnu, Triq id-Dragun, Triq il-Vitorja and Triq Dun Ġwakkin Schembri.

On Thursday, 20th June, 2018, from 7.30 p.m. till 00.30 a.m., through Triq il-Kbira, Triq Santa Katerina, Triq Barrakki, Triq Stagno, Triq il-Ħelsien, Triq ix-Xitwa, Triq in-Naħal, Triq il-Bħajra, Triq is-Sajf, Triq ir-Rebbiegħa, Triq il-Plejju, Triq id-Dragun, Pjazza Ġużè Flores, Triq Pinto and Triq Dun Ġwakkin Schembri.

On Friday, 21st June, 2018, from 7.30 p.m. till 1.30 a.m., through Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Pinto, Pjazza Ġużè Flores, Triq Cappadoccia, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi and Pjazza San Franġisk.

On Saturday, 22nd June, 2018, from 7.00 p.m. till midnight, through Pjazza Fredrick Meample, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq il-Kbira, Triq San Pietru, Triq Santa Katarina and Triq Pinto.

Triq Dun Ġwakkin Schembri (will be closed for traffic from 7.00 a.m.)

Triq il-Vitorja (in front of the Health Centre will be closed from 7.00 a.m.)

Triq il-Ħammieri (from Triq l-Iżbandola till Triq San Ġorġ will be closed from 7.00 p.m.)

On Sunday, 23rd June, 2018, from 6.30 p.m. till 11.30 p.m., through Triq tal-Ħlas, Triq il-Vitorja, Triq Alexandra, Triq il-Proża, Misraħ il-Kittieba, Triq San Edwardu, Triq Ġużè Muscat Azzopardi, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq Pinto, Triq it-23 ta' April, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina and Triq il-Kbira

Triq il-Ħammieri (closed all day till 2.00 a.m.)

Nhar it-Tnejn, l-24 ta' Ġunju, 2018, mid-9.00 a.m. sas-1.00 a.m., minn Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi, Triq San Pietru, Pjazza San Franġisk, Triq l-Iskola u Triq il-Kardinal Sciberras.

Ħaż-Żabbar

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar it-Tnejn, it-2 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m., nofsinhar u 12.10 p.m., it-8.00 p.m. u t-8.25 p.m., fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m., nofsinhar u 12.10 p.m., it-8.15 p.m. u d-9.00 p.m., fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 a.m. u t-8.30 p.m., nofsinhar u 12.20 p.m. u s-6.30 p.m. u s-7.15 p.m. u l-10.00 p.m. u l-11.00 p.m., fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju, 2018, bejn id-9.00 a.m. u d-9.10 a.m., nofsinhar u 12.20 p.m. u s-7.00 p.m. u t-7.45 p.m. u d-9.30 p.m. u 10.15 p.m., fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Fgura

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar it-Tnejn, it-2 ta' Lulju, 2018, bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m., fi Triq San Tumas, Triq il-Karmelitani, Triq il-Liedna, Triq Hompesch u Triq il-Kampanella

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar it-Tlieta, it-3 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 p.m. u nofsillejl, fi Triq Hompesch, Triq San Mikiel, Triq Mater Boni Consigli, Triq l-Isponsun, Triq Kent, Triq Martin Luther King, Triq Mahatma Ghandi, Triq is-Sur, Triq l-14 ta' Diċembru, Triq il-Karmu u Triq il-Karmelitani

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 p.m. u l-11.30 p.m., fi Triq il-Liedna, Triq il-Kampanella, Triq Hompesch, Triq il-Ward tax-Xemx, Triq Ċensu Busuttil, Triq il-Ġiżi, Triq San Mikiel, Triq Mater Boni Consigli, Triq il-Koppla, Triq San Tumas, Triq is-Sur, Triq il-Qronfla, Triq il-Kampanella, Triq il-Ħuttafa, Triq Kent, Triq is-26 ta' Marzu, Triq Martin Luther King, Triq Mahatma Gandi, Triq is-Summiena, Triq il-Merħba, Triq San Xmun u Triq l-14 ta' Diċembru

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħamis, il-5 ta' Lulju, 2018, bejn il-5.00 p.m. u n-00.30 a.m., fi Triq Hompesch.

On Monday, 24th June, 2018, from 9.00 a.m. till 1.00 a.m., through Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi, Triq San Pietru, Pjazza San Franġisk, Triq l-Iskola and Triq il-Kardinal Sciberras.

Ħaż-Żabbar

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Monday, 2nd July, 2018, between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m., 8.00 p.m. and 8.25 p.m., in Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 6th July, 2018, between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m., 8.15 p.m. and 9.00 p.m., in Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 7th July, 2018, between 8.00 a.m. and 8.30 p.m., noon and 12.20 p.m. and 6.30 p.m. and 7.15 p.m. and 10.00 p.m. and 11.00 p.m., in Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 8th July, 2018, between 9.00 a.m. and 9.10 a.m., noon and 12.20 p.m. and 7.00 p.m. and 7.45 p.m. and 9.30 p.m. to 10.15 p.m., in Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Fgura

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Monday, 2nd July, 2018, between 6.00 p.m. and 9.00 p.m., in Triq San Tumas, Triq il-Karmelitani, Triq il-Liedna, Triq Hompesch and Triq il-Kampanella

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Tuesday, 3rd July, 2018, between 8.00 p.m. and midnight, in Triq Hompesch, Triq San Mikiel, Triq Mater Boni Consigli, Triq l-Isponsun, Triq Kent, Triq Martin Luther King, Triq Mahatma Ghandi, Triq is-Sur, Triq l-14 ta' Diċembru, Triq il-Karmu and Triq il-Karmelitani

All traffic movement (Transit or Parking is prohibited on Wednesday, 4th July, 2018, between 8.00 p.m. and 11.30 p.m., in Triq il-Liedna, Triq il-Kampanella, Triq Hompesch, Triq il-Ward tax-Xemx, Triq Ċensu Busuttil, Triq il-Ġiżi, Triq San Mikiel, Triq Mater Boni Consigli, Triq il-Koppla, Triq San Tumas, Triq is-Sur, Triq il-Qronfla, Triq il-Kampanella, Triq il-Ħuttafa, Triq Kent, Triq is-26 ta' Marzu, Triq Martin Luther King, Triq Mahatma Gandi, Triq is-Summiena, Triq il-Merħba, Triq San Xmun and Triq l-14 ta' Diċembru

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Thursday, 5th July, 2018, between 5.00 p.m. and 00.30 a.m., in Triq Hompesch.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju, 2018, bejn id-9.00 a.m. u nofsillejl, fi Triq Cospicua.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Thursday, 5th July, 2018, between 9.00 a.m. and midnight, in Triq Cospicua.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħamis, il-5 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 p.m. u nofsillejl, fi Triq Hompesch, Triq is-Sur, Triq Mater Boni Consigli, Triq is-Sejba Punika, Triq l-Isponsun, Triq Ħaż-Żabbar, Triq San Pietru, Triq il-Liedna, Triq San Tumas u Triq Kent

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Thursday, 5th July, 2018, between 8.00 p.m. and midnight, in Triq Hompesch, Triq is-Sur, Triq Mater Boni Consigli, Triq is-Sejba Punika, Triq l-Isponsun, Triq Ħaż-Żabbar, Triq San Pietru, Triq il-Liedna, Triq San Tumas and Triq Kent

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju, 2018, bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m., fi Triq Hompesch, Triq il-Karmelitani, Triq il-Kampanella, Triq is-Sur, Triq Blondell, Triq Cospicua, Triq W. Levanzin, Triq il-Gallu, Triq Sant'Antnin, Triq il-Klerku, Triq il-Karmnu, Triq il-Kitba u Triq is-Sur.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 6th July, 2018, between 7.00 p.m. and 11.00 p.m., in Triq Hompesch, Triq il-Karmelitani, Triq il-Kampanella, Triq is-Sur, Triq Blondell, Triq Cospicua, Triq W. Levanzin, Triq il-Gallu, Triq Sant'Antnin, Triq il-Klerku, Triq il-Karmnu, Triq il-Kitba and Triq is-Sur.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju, 2018, bejn nofsillejl u nofsinhar, fi Triq Cospicua.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 6th July, 2018, between midnight and noon, in Triq Cospicua.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju, 2018, bejn il-5.00 p.m. u n-00.30 a.m., fi Triq Hompesch.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 6th July, 2018, between 5.00 p.m. and 00.30 a.m., in Triq Hompesch.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju, 2018, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl, fi Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch, Triq il-Kampanella u Triq San Tumas.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 7th July, 2018, between 6.00 p.m. and midnight, in Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch, Triq il-Kampanella and Triq San Tumas.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju, 2018, bejn is-6.00 p.m. u s-1.00 a.m. tal-Ħadd, it-8 ta' Lulju, 2018, f'Wesgħa Kunsill tal-Ewropa.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 7th July, 2018, between 6.00 p.m. and 1.00 a.m., of Sunday, 8th July, 2018 in Wesgħa Kunsill tal-Ewropa.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju, 2018, bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m., fi Triq il-Karmelitani

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 7th July, 2018, between 6.00 p.m. and 11.30 p.m., in Triq il-Karmelitani

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju, 2018, bejn nofsinhar u nofsillejl, fi Triq Hompesch

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 7th July, 2018 between noon and midnight in Triq Hompesch

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 p.m., fi Triq il-Karmelitani.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 8th July, 2018, between 8.00 a.m. and 11.30 p.m., in Triq il-Karmelitani.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju, 2018, bejn it-8.00 a.m. u t-3.00 p.m., fi Triq Hompesch, Triq Cospicua, Triq Cottoner, Triq is-Sur, Triq il-Kampanella, Triq Ġorġ Stevens, Triq Valperga, Triq San Tumas u Triq il-Karmelitani.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 8th July, 2018, between 8.00 a.m. and 3.00 p.m., along Triq Hompesch, Triq Cospicua, Triq Cottoner, Triq is-Sur, Triq il-Kampanella, Triq Ġorġ Stevens, Triq Valperga, Triq San Tumas and Triq il-Karmelitani.

Kull ċaqliq ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju, 2018, bejn is-1.00 p.m. u

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 8th July, 2018, between 1.00 p.m. and midnight, along

nofsillejl, fi Triq Hompesch, Triq Ħaż-Żabbar, Triq San Pietru, Triq Mater Boni Consigli, Triq il-Kitba, Triq l-Iskola, Triq Sant'Antnin, Wesgħa Kunsill tal-Ewropa u Triq il-Karmelitani.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 51 tal-2018

Avveniment tal-Għawm Malta – Kemmuna – Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li avveniment tal-għawm Malta – Kemmuna – Malta se jsir nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Ġunju, 2018.

Il-parteċipanti se jitilqu mir-Ramla tat-Torri, l-Armier, punt A, f'bejn wieħed u ieħor it-8.00 a.m. Huma se jgħumu minn punt B, C, D, E u mbagħad lura punt F fir-Ramla tat-Torri, l-Armier.

L-għawma għandha tkun lesta sas-1.00 p.m.

Jekk l-avveniment ma jkunx jista' jsir minħabba l-maltemp, dan isir nhar il-Ħamis, il-21 ta' Ġunju, 2018, fl-istess post u ħin.

Bastimenti ta' appoġġ se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'veloċità baxxa u jżommu 'l bogħod miż-żona matul il-ħin stipulat u jagħtu spazju wiesa' lill-għawwiema. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12 u l-mezzi tal-infurzar marittimu fiż-żona.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 u 2538

Il-15 ta' Ġunju, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 52 tal-2018

Sondaġġ Idrografiku fil-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li s-sondaġġ idrografiku se jsir lil hinn mill-Port ta' Marsamxett mis-*survey motor boat* (SMB) *Sapphire*.

Triq Hompesch, Triq Ħaż-Żabbar, Triq San Pietru, Triq Mater Boni Consigli, Triq il-Kitba, Triq l-Iskola, Triq Sant'Antnin, Wesgħa Kunsill tal-Ewropa and Triq il-Karmelitani.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

15th June, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 51 of 2018

Malta – Comino – Malta Swimming event

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a Malta – Comino – Malta swimming event will be held on Wednesday, 20th June, 2018.

Participants will depart from ir-Ramla tat-Torri, Armier, point A, at approximately 8.00 a.m. They will swim to point B, C, D, E and then point F back in Ir-Ramla tat-Torri, Armier.

The swim is to be completed by 1.00 p.m.

If the event cannot be held due to bad weather conditions it will be held on Thursday, 21st June, 2018, at the same place and time.

Support vessels will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and maritime enforcement assets in the area.

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

15th June, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 52 of 2018

Hydrographic Survey in Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a Hydrographic survey will be carried out in Marsamxett Harbour by the survey motor boat (SMB) Sapphire.

Is-sondaġġ se jibda b'seħħ immedjat u se jiġi konkluż sal-Ġimgħa, id-29 ta' Ġunju, 2018.

Is-*survey motor boat* se tkun ristretta fl-immanuvrar tagħha.

Matul is-sondaġġ mhuwiex permess għadis fl-ebda parti tal-Port ta' Marsamxett.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'kawtela meta jkunu fil-viċinanza tas-*survey motor boat* imsemmija hawn fuq u jagħtuha spazju wiesa'. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12 matul il-ħin tas-sondaġġ.

Charts affettwati: BA 177, 2538

Il-15 ta' Ġunju, 2018

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Espressjoni ta' Interess għal Ħaddiema tas-Sajf

Il-Ministeru għat-Turiżmu, f'koordinazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet minn studenti li jkunu laħqu livell post sekondarju, inklużi studenti tal-MCAST li qed jagħmlu kors ta' studju sa livell MQF 4, preferibbilment li qed jistudjaw suġġetti relatati mal-portafoll tal-Ministeru għall-ingaġġ għal xogħol fis-sajf. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae*, li għandha tinkludi il-pożizzjoni kurrenti akkademika u n-numru tal-karta tal-identità, għandhom jaslu għand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għat-Turiżmu, 233, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 116, jew fuq l-*email* (hr.mot@gov.mt) sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju, 2018.

1. Il-perjodu tax-xogħol ikun ta' tmien ġimgħat (jew skont il-bżonn).

2. Il-ħlas ikun ta' €6.33 fis-siegħa (jiġifieri, €1,012.80 għal 160 siegħa mifruxin fuq tmien ġimgħat).

3. *Vacation leave*, *bonus* u *income supplement* ikunu fuq *pro-rata*, jiġifieri 14-il siegħa u €39.42 rispettivament; u

4. Ħlas ta' *National Insurance* ikun bir-rata ta' 10%.

Il-kriterju ewlieni fl-għażla tal-kandidati se jkun progressjoni fl-istudji akkademiċi tagħhom.

Meta jissottomettu l-applikazzjoni, il-kandidati se jkunu qed jawtorizzaw lill-Ministeru għat-Turiżmu biex jgħaddi d-dettalji lill-entitajiet/dipartimenti/kumpaniji oħra għall-finijiet ta' din is-sejħa.

Il-15 ta' Ġunju, 2017

The survey will start with immediate effect and will be concluded by Friday, 29th June, 2018.

The survey motor boat will be restricted in her ability to manoeuvre.

During the duration of the survey No Diving will be allowed in all Marsamxett Harbour.

Mariners are instructed to keep a sharp lookout, navigate with caution when in the vicinity of the above mentioned survey motor boat and give it a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 during the time of survey.

Charts Affected: BA 177, 2538

15th June, 2018

MINISTRY FOR TOURISM

Expression of Interest for Summer Workers

The Ministry for Tourism, in coordination with the Ministry for Education and Employment, invites applications from students who have reached post secondary level and including MCAST students following a course of studies up to an MQF level 4, preferably who are studying subjects related to the Ministry's portfolio for summer engagement. Letters of application accompanied with a Curriculum Vitae which must include the student's current academic position and identity card number, are to be forwarded to the Director Corporate Services, Ministry for Tourism, 233 Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 116, or by email on (hr.mot@gov.mt) by noon of Friday, 22nd June, 2018.

1. Engagement of students will be for a period of eight weeks (or as the job demands);

2. Remuneration will be at a gross hourly rate of €6.33 (that is €1,012.80 for 160 hours spread over eight weeks);

3. Vacation leave, bonus and income supplement will be on a pro-rata basis, that is 14 hours and €39.42 respectively; and

4. Payment of National Insurance will be at the rate of 10%.

The main criterion in selection of candidates will be progression in students' academic studies.

On submission of application, candidates will be authorising the Ministry for Tourism to forward students' details to other entities/departments/companies for the purpose of this call.

15th June, 2018

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' *Audit Support Officer* fid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet), Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Audit Support Officer* fid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet (IAID), Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' *Audit Support Officer (IAID)* huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2018 huwa ta' €19,330.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €21,777.00.

2.3 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuna magħżula tista' tkun intitolata għal *disturbance allowance* sa 15% tas-salarju bażiku għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju, u/jew xogħol ta' natura straordinarja, li jsir wara l-ħin tax-xogħol, kif ikun meħtieġ mill-*Management* u suġġett għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali (IAID). Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Id-*disturbance allowance* mhijiex *allowance* awtomatika u tiġi mħallsa fuq bażi ta' xahar b'xahar suġġetta għall-approvazzjoni kif indikata hawn fuq.

2.4 Persuna magħżula tkun intitolata:

a) għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku, suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti;

b) IAID *allowance* ta' €1,050.00 fis-sena;

c) *allowance* annwali sħiħa biex tkun utilizzata għall-*professional development activities*.

Il-kandidati magħżula jkunu mħeġġa jkomplu l-istudji tagħhom sabiex jimxu 'l quddiem skont il-parametri tal-"*Working Conditions for Officers carrying out Duties at the Internal Audit and Investigations Department*". *Audit Support Officer* fi ħdan l-IAID, jiġi awtomatikament eliġibbli li joqgħod għal intervista biex jilħaq *Audit Associate* fi Skala ta' Salarju 9 bil-*job description* rispettiva, kif aġġornat minn

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Audit Support Officer in the Internal Audit and Investigations Department within the Cabinet Office, Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Internal Audit and Investigations Department), Cabinet Office within the Office of the Prime Minister, invites applications for the post of Audit Support Officer in the Internal Audit and Investigations Department (IAID), Cabinet Office within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Audit Support Officer is Salary Scale 10, which in 2018 is, €19,330.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €21,777.00.

2.3 In view of the special nature of the duties involved, a selected candidate may also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of the basic salary for work performed regularly after office hours, and/or duties of an extraordinary nature undertaken beyond office hours, as may be required by Management and subject to the approval of DG (IAID). The allowance may be increased up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Secretary to Cabinet, Cabinet Office, within the Office of the Prime Minister. The disturbance allowance is not an automatic allowance and is payable on a month by month basis subject to approval as indicated above.

2.4 A selected candidate will also be entitled to:

a) a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary subject to positive performance;

b) an annual IAID allowance of €1,050.00;

c) a full annual allowance to be utilized for professional development activities.

Selected candidates will be encouraged to further their studies in order to progress further in line with the parameters of the "Working Conditions for Officers Carrying out Duties at the Internal Audit and Investigations Department". An Audit Support Officer within IAID, will become automatically eligible to sit for an interview to progress to Audit Associate in Salary Scale 9 with the respective job description as updated

żmien għal żmien, kemm-il darba jkun qeda dmiru b'mod sodisfaċenti u temm b'suċċess jew:

a) *Part II* tal-*ACCA* (*Skills Section Aims*) jew l-ekwivalenti tiegħu kif rikonoxxuti mill-*Malta Institute of Accountants;*

jew

b) Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta'180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) fl-*Accountancy* jew xi qasam relatat hekk kif ikun determinat mill-*Management* minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Audit Support Officer* (IAID) jinkludu li:

a) taqdi dmirijiet kif iggwidata mill-Att dwar l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji (Kap. 461 tal-Liġijiet ta' Malta) fi ħdan id-Direttorati tal-IAID;

b) twettaq xogħol ta' assigurazzjoni oġġettiva indipendenti u attivitajiet ta' konsultazzjoni maħsuba biex jiżdied il-valur u jittejjeb l-operat ta' min ikun qed jiġi awditjat, filwaqt li tgħin l-istess entitajiet li jkunu qegħdin jiġu awditjati biex jilħqu l-għanijiet tagħhom billi jinġieb metodu sistematiku dixxiplinat biex jevalwa u jtejjeb l-effettività tar-*risk management*, proċessi ta' kontroll u ta' governanza;

c) twettaq xogħol ta' konformità u funzjonijiet ta' assigurazzjoni fi ħdan il-ministeri tal-Gvern, dipartimenti u entitajiet biex jiżguraw li l-kontrolli finanzjarji u kontrolli oħrajn relatati, sistemi, *policies*, direttivi u proċeduri meħtieġa għat-tħaddim adegwat ta' dawn il-ministeri tal-Gvern, dipartimenti u entitajiet u jaraw li l-liġijiet u r-regolamenti jiġu osservati;

d) twettaq xogħol ta' konformità u assigurazzjoni dwar il-fondi pubbliċi li jinkludu fondi li l-Gvern hu meħtieġ li jikkontrolla taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

e) tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fil-monitoraġġ mill-qrib u regolari tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern u metodi ta' *risk management* adottati fl-amministrazzjoni pubblika;

f) tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fil-monitoraġġ ta' aderenza għal kwalunkwe *standards* ta' kontroll interni jew linji gwida ta' *risk management*;

g) tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fit-tħejjija ta' *status reviews* u assessjar ta' *risk management* u kontroll intern fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika;

from time to time, subject to satisfactory performance and upon the successful completion of either:

a) Part II of the ACCA (Skills Section Aims) or its equivalent as recognised by the Malta Institute of Accountants;

or

b) pertinent MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent with regard to programmes commencing as from October 2003) in Accountancy or any other related area as determined by Management from time to time,

Duties

3. The duties of Audit Support Officer include:

a) performing duties as guided by the Internal Audit and Financial Investigations Act (Cap. 461 of the Laws of Malta) within the IAID Directorates;

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) must be proficient in the use of the Maltese and English languages;

(iii) a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Procurement, Accounts, or Finance or a comparable professional qualification.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraph 4.1 will still

jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti ta' tali rekwiżiti sal-31 ta' Ottubru, 2018. Jekk jintgħażlu jridu juru r-rekwiżiti indikati f'paragrafu 4.1 qabel il-ħatra.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mis-Sezzjoni tar-Reklutaġġ fi 158, Cavalier House, Triq Zekka, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, it-2 ta' Lulju, 2018. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz

be considered, provided that they submit evidence that they would qualify for such requisites by the 31st October, 2018. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraphs 4.1 before appointment.

4.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.2, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Recruitment Section at 158, Cavalier House, Triq Zekka, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Monday, 2nd July, 2018. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment

tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu minn (recruitment.mfin@gov.mt). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u indirizz elettroniku tas-Sezzjoni huma (https://mfin.gov.mt) u (recruitment.mfin@gov.mt).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Post ta' *Manager II (Procurement)* fid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi Ministeru għal Għawdex

(Skont l-HR Plan tal-Ministeru għas-sena 2018)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Manager II (Procurement)* fid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għal Għawdex.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from recruitment.mfin@gov.mt. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (https://mfin.gov.mt) and (recruitment.mfin@gov.mt).

15th June, 2018

MINISTRY FOR GOZO

Post of Manager II (Procurement) in the Corporate Services Directorate within the Ministry for Gozo

(As per Ministry's HR Plan for the year 2018)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Gozo, invites applications for the post of a Manager II (Procurement) in the Corporate Services Directorate within the Ministry for Gozo.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 Is-salarju ta' *Manager II (Procurement*) huwa ta' Skala ta' Salarju 7, €23,431.00 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €26,618.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Manager II (Procurement*) titla' fi Skala 6 (€25,034.00x €596.33 - €28,612.00) wara tliet (3) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Il-persuna ingaġġata hija intitolata sa massimu ta' ħmistax fil-mija (15%) tal-*Performance Bonus* Anwali tas-salarju bażiku tagħha, suġġett għal qadi ta' dmirijiet b'mod sodisfaċenti u suġġett għall-*policies* tal-Amministrazzjoni Ċentrali li jistgħu jiġu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.5 Hekk kif jiskadi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam ta' *Procurement* u suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti u l-eżiġenzi tal-Maniġment.

2.6 Ir-riżultat ta' dan il-proċess tal-għażla jibqa' validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Manager II (Procurement)* fid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi jinkludu:

(i) Tmexxi s-sezzjoni/taqsima fejn il-persuna tkun qiegħda taqdi dmirijietha;

(ii) Tistabbilixxi databases ta' fornituri internazzjonali u lokali;

(iii) Tinnegozja għall-aqwa kwalità bl-orħos prezzijiet jew valur għall-flus;

(iv) Tamministra s-sistema tax-xiri *online*;

(v) Tipprovdi assistenza lill-Awtoritajiet Kontraenti matul iċ-ċiklu tal-*procurement*, inkluż bit-tħejjija tad-dokumenti tal-*procurement* u billi tippresiedi l-proċess tal-evalwazzjoni;

(vi) Tivvettja b'mod dettaljat id-dokumenti tal-*procurement* b'rabta ma' *tenders* għall-provvisti, servizzi jew xogħlijiet;

(vii) Tassisti l-awtoritajjiet kontraenti fil-preparazzjoni tal-proċessi kollha neċessarji għall-pubblikazzjoni ta'sejħiet għal tenders;

(viii) Tassisti sabiex tiċċara u twieġeb għall-mistoqsijiet li jistgħu jitressqu waqt il-perjodu tat-tender u tal-evalwazzjoni;

2.2 The salary for the post of Manager II (Procurement) is Salary Scale 7, that is, €23,431.00 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €26,618.00.

2.3 A Manager II (Procurement) will progress to Scale 6 (€25,034.00 x €596.33 - €28,612.00) on completion of three (3) years' service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 The appointee will be entitled up to a maximum of 15% Annual Performance Bonus of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.5 On the lapse of a two (2) year period, an appointee may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in Procurement, subject to availability of vacancies and subject to the exigencies of management.

2.6 The result of the selection process will remain valid for two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The duties of Manager II (Procurement) in the Corporate Services Directorate include:

(i) Managing the section/unit within which the employee is performing duties;

(ii) Establish international and local supplier databases;

(iii) Negotiating for best quality at the lowest prices\value for money;

(iv) Administer on-line purchasing systems;

(v) Provide assistance to the Contracting Authorities throughout the public procurement cycle, including the preparation of procurement documents and act as a chairperson within the evaluation process;

(vi) Effect detailed vetting of procurement documents for supplies, services or works tenders;

(vii) Provide assistance to the contracting authorities in the preparation of all the necessary processes for the publication of the calls for tenders;

(viii) Assist the Department and Contracting Authorities to answer any clarifications that may arise during the tendering period and evaluation;

(ix) Tassisti fl-għażla u tirrevedi l-ħatriet proposti tal-kumitatati tal-evalwazzjoni ;

(x) Tattendi għal sezzjonijiet tal-ftuħ tat-tenders u għal xogħol pertinenti ieħor, kif assenjat, sabiex tassigura konformità mar-regolamenti stabbiliti;

(xi) Tmexxi u tipprepara għar-reviżjoni tar-rapporti tal-kumitati tal-evalwazzjoni bi tħejjija għal laqgħat tad-DCC;

(xii) Tipprepara u/jew tassisti fl-abbozzar u l-iffirmar ta' kuntratti u dokumenti oħra relatati ma' tenders għal provvisti, servizzi jew xogħlijiet;

(xiii) Tħejji rapporti ta' kull xahar sabiex isir monitoraġġ u jiġu infurzati l-proċeduri dwar l-akkwist pubbliku;

(xiv) Tħaddem is-sistemi tal-IT, inluż il-*portal* tal-*e-procrement* (e-PPS) li jintuża sabiex jitmexxew is-sejħiet għall-offerti u r-rappurtaġġ tal-akkwist pubbliku;

(xv) Tirrappreżenta lill-Awtorità tal-Kuntratti fil-laqgħat lokali u internazzjonali;

(xvi) Tipprepara rapporti fuq każijiet li jinvolvu l-awtoritajiet tal-kuntratti u tirrappreżenta lid-Dipartiment quddiem bordijiet, tribunali u l-Qrati tal-Ġustizzja;

(xvii) Timmaniġġja l-proċess tax-xiri u tiżgura li l-provvisti mitluba huma meħtieġa skont iċ-ċirkustanzi;

(xviii) Tistudja r-rekords tal-konsum tal-inventarji sabiex il-proċessi jimxu b'mod effiċjenti u effittiv skont mudelli ta'previżjonijiet;

(xix) Tordna, tiċċekkja u tħaffef il-wasla tal-konsenji;

(xx) Tmexxi u tħarreġ l-istaff;

(xxi) Tevalwa prodotti u servizzi permezz ta' riċerki tas-suq billi tannalizza l-kundizzjonijjiet tas-surq u tfittex swieq ġodda;

(xxii) Tfassal, timplimenta u tagħmel monitoraġġ tal-*policies*, protokolli u proċeduri u manwali tal-operat;

(xxiii) Tissorvelja l-funzjonijiet tal-infiq u x-xiri skont ir-regolamenti tal-akkwist pubbliku u dawk finanzjarji;

(xxiv) Tikkollobora mal-*managment* responsabbli mill-*istores* u d-distribuzzjoni sabiex tirrevedi l-*istocks* u tieħu ħsieb ordnijiet ġodda u alternattivi bl-iskop li tevita *stocks* żejda u skadenzi;

(ix) Review/assist in the selection of members of staff to sit on the Evaluation Committees;

(x) Attend during Tender Opening Sessions and other pertinent assignments in order to ensure that all the stipulated regulations are adhered to;

(xi) Spreadhead and prepare the review of evaluation reports prepared by the Evaluation Committees for DCC meetings;

(xii) Prepare or assisting in the drafting and signing of contracts and other related documents for supplies, services or works tenders;

(xiii) Preparing monthly status reports to enable the monitoring and enforcement of public procurement procedures;

(xiv) Operate IT Systems, including the e-procurement portal (e-PPS), used for the management of calls for tenders and reporting of public procurement;

(xv) Represent the Contracting Authority in meetings locally and abroad;

(xvi) Prepare reports concerning cases involving the contracting authorities and representing the Directorate in front of boards, tribunals and the Courts of Law;

(xvii) Manage the acquisition process and ascertaining supplies needed in relevant circumstances;

(xviii) Responsible to study consumption records an inventory levels to manage the process efficiently and effectively together with forecasting patterns;

(xix) Placing orders, checking and expediting deliveries;

(xx) Managing and training staff;

(xxi) Appraising products and services through market research by analyzing market conditions and seeking new markets;

(xxii) Formulating, implementing and monitoring policies, protocols and operating procedures and manuals;

(xxiii) Monitoring, purchasing and procurement functions in line with Public Procurement and Financial Regulations;

(xxiv) Liaising with the Stores and Distribution Management to review stocks for handling alternative ordering and reordering purposes to avoid overstocking and expiries;

(xxv) Tagħmel monitoraġġ biex tassigura li l-affarijjiet li tirċievi jkunu skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbilti fl-ordni tax-xiri sabiex tillimita l-inċidenza ta'ordnijiet żejda jew nieqsa;

(xxvi) Tassigura li l-affarijjiiet u l-provvisti mixtrija jaslu *just in time* permezz ta' rotot effiċjenti sabiex titnaqqas l-inċidenza ta' *stocks* baxxi jew mhux disponibbli;

(xxvii) Tassigura li ssir ir-riċerka meħtieġa dwar il-forniturи u l-prodotti sabiex tintgħażel l-aħjar strateġija ta'xiri;

(xxviii) Tieħu azzjoni preventiva, tinvestiga u tirrapporta ineffiċenjenzi jew aġir mhux xieraq fil-proċessi tax-xiri u tidentifika kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa;

(xxix) Tassigura l-ipproċessar fil-ħin tal-ordnijiet tax-xiri, tal-iskeda tal-wasla tal-kunsinni u tal-metodi tat-trasport;

(xxx) Tillimita l-inċidenza ta' *stocks* baxxi jew *stock* mhux disponsibbli fl-entitajiet kollha u tħejji rapporti ta' rutina bbażati fuq il-valur tan-nefqa u r-raġunijiet għan-nuqqasijiet;

(xxxi) B'kollaborazzjoni mal-*Accounts Manager*, tanalizza l-*cashflow* kif meħtieġ u skont il-vot fl-estimi finanzjarji u tipprovdi informazzjoni lill-Ministeru għall-Finanzi;

(xxxii) Iżżomm rendikont tal-ħlasijiet dovuti f'konformità mal-*Late Payment Directive*;

(xxxiii) Tassigura li, flimkien mal-prodott jew servizz, il-fornitur irrodd lill-entità tal-Gvern valur għall-flus imħallsa;

(xxxiv) Tkun responsabbli għall-'*post-contract' management* sabiex tassigura li l-fornitur jonora t-termini tal-kuntratt u li qed jagħti valur għall-flus;

(xxxv) Tassigura li l-iskadenzi ta' qabel il-kuntratt jintlaħqu skont ir-regolamenti tal-akkwist pubbliku;

(xxxvi) Twettaq dmirjiet oħra skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti (MGOZ), id-Direttur Ġenerali/ Direttur rispettiv u/jew ir-rappreżentant/a/i tagħhom;

(xxxvii) Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(xxv) Monitoring that items received are as per specifications set out in relevant purchase orders so as to limit over/under ordering;

(xxvi) Ensuring that goods and supplies are received just-in-time through routing strategies to mitigate stock out and low stocks;

(xxvii) Ensuring that the necessary research has been carried out with regard to supplier and products so as to be in a position to select the best procurement strategy;

(xxviii) Preventing, investigating and reporting inefficiencies or possible misconduct in the acquisition system and identifying any corrective action required;

(xxix) Ensuring the timely processing of all purchase orders; schedule delivery dates and transportation methods;

(xxx) Maintaining low stock items and stock outs to a minimal level across all entities and drawing up routing reports based on the value of expenditure and reasons for shortages;

(xxxi) In liaison with the Accounts Manager conducting cash flow requirements in line with budget vote and supplying data to MFIN;

(xxxii) Maintaining accounts payables in line with the Late Payment Directive;

(xxxiii) Ensuring that supplier is giving the Government entity value for money in addition to the supply of product or service;

(xxxiv) Responsible for 'post-contract' management to ensure that supplier is honoring the terms of the contract and is giving value for money;

(xxxv) Ensuring that 'pre-contract' milestones are met within the procurement regulations;

(xxxvi)Carrying out any other duties as directed by the Permanent Secretary (MGOZ), the respective Director General/Director and/or their respresentative/s;

(xxxvii)Carrying oout any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Ingliża;

(iii) għandhom kwalifika ta' *Masters* rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008) fil-*Procurement* jew fil-Finanzi, jew fl-*Accounts* jew kwalifika professjonali komparabbli.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu r-reksiżiti speċifikati f'paragrafu 4.1 formalment, xorta

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) must be proficient in English language.

(iii) in possession of a recognized Masters qualifications at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Procurement, Finance or Accounts, or a comparable professional qualification.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraph 4.1 will still

jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti ta' tali rekwiżiti sal-31 ta' Ottubru, 2018. Jekk jintgħażlu jridu juru r-rekwiżiti indikati f'paragrafu 4.1 qabel il-ħatra.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin fil-mija (50%).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mill-fergħa tar-Riżorsi Umani fid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta'

be considered, provided that they submit evidence that they would qualify for such requisites by the 31st October, 2018. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraphs 4.1 before appointment.

4.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.2 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred percent (100%) and the pass mark is fifty percent (50%).

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Human Resources Section at the Corporate Directorate within the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Rabat, Gozo, by not later than noon (Central European Time) of Monday, 2nd

nhar it-Tnejn, it-2 ta' Lulju, 2018. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mill-fergħa tar-Riżorsi Umani fid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex . Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tat-telefown u indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Divizjoni/Direttorat huma (http://mgoz.gov.mt/en/Pages/Employment%20Opportunities/Calls.aspx), +356 2210 0224 u (dcs.mgoz@gov.mt).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

IL-FONDAZZJONI TAL-PRESIDENT GĦALL-ĠID TAS-SOĊJETÀ

Sejħa għas-Servizzi ta' Riċerka

Il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà qed tfittex kwotazzjonijiet għall-provvediment ta' servizzi għal *Research Support Assistant* għall-proġett 'Fil-Beraħ – *In the Open*'.

Il-proġett huwa mmirat biex jinvestiga b'mod kritiku spazji relazzjonali f'komunità partikolari f'Malta. Din l-investigazzjoni se sservi sabiex tintegra elementi fiżiċi u soċjali billi jiġu ddokumentati l-esperjenzi tat-tfal fl-użu tal-ispazji pubbliċi fil-komunità tagħhom, u jiġu ddokumentati

July, 2018. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from Human Resources Section at the Corporate Directorate within the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Rabat, Gozo. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, telephone number and email address of the receiving Directorate are (http://mgoz.gov.mt/en/Pages/Employment%20Opportunities/Calls.aspx), +356 2210 0224 and (dcs.mgoz@gov.mt).

15th June, 2018

THE PRESIDENT'S FOUNDATION FOR THE WELLBEING OF SOCIETY

Call for Research Services

The President's Foundation for the Wellbeing of Society is seeking the services of a Research Support Assistant in relation to its project titled 'Fil-Beraħ – In the Open'.

The project aims to undertake a critical investigation of relational spaces within a particular community in Malta. Such an investigation seeks to integrate physical and social elements by documenting children's experiences of the use of public spaces within their community and the relationships

wkoll ir-relazzjonijiet li jibnu f'dawn l-ispazji, b'attenzjoni partikolari għall-interazzjonijiet interġenerazzjonali.

Min se jipprovdi s-servizz irid:

(i) ikollu kwalifikazzjoni f'livell ta' *Masters* fil-qasam ta' *Urban Design*, Politika Socjali, *Environmental Management*, Ġeografija jew Edukazzjoni;

(ii) ikun familjari mal-użu tal-*Participatory GIS* li jista' jiġi użat mat-tfal;

(iii) ikun kapaċi jieħdu ħsieb il-paġna tal-proġett fuq Facebook; u

(iv) ikollu Malti u Ingliż tajjeb, kemm mitkellem kif ukoll miktub.

Preferenza tingħata lill-applikanti li għandhom esperjenza ta' xogħol mat-tfal, speċjalment f'riċerka parteċipattiva u/jew konsultazzjoni mat-tfal.

Il-persuna li tingħażel għar-rwol ta' *Research Support Assistant* mistennija tqatta' medja ta' erba' sigħat fil-gimgħa fuq il-proġett, li se jibqa għaddej sa Diċembru tal-2019.

Aktar informazzjoni fuq il-proġett u fuq ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni, jinstabu għand Dr Sharon Attard De Giovanni b'*email* lil (sharon.c.attard@gov.mt). L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-Tlieta, is-26 ta' Ġunju, 2018.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Postijiet mal-Awtorità dwar il-Mediċini

L-Awtorità dwar il-Mediċini tilqa' applikazzjonijiet għal:

Spetturi tal-Mediċini (Permess tal-Jobsplus Nru: 314/2018).

Uffiċjal għad-Dokumentazzjoni (Permess tal-Jobsplus Nru: 304/2017).

Aktar informazzjoni tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tas-Sibt, l-10 ta' Frar, 2018, lil (hr.medicinesauthority@gov.mt).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

accessed within these spaces, with a special focus on inter-generational interaction.

The service provider must

(i) possess a Masters level qualification in fields such as Urban Design, Social Policy, Environmental Management, Geography or Education;

(ii) be competent in the use of Participatory GIS tools which could be used with children;

(iii) have the knowhow required to maintain the project's Facebook page; and

(iv) be competent in both spoken and written Maltese and English.

Preference will be given to applicants who have experience of working with children, especially in participatory research and/or consultation with children.

The Research Support Assistant will be required to dedicate an average of four hours per week to the project which will run until December 2019.

Further information about the project and on application requirements, can be obtained from Dr Sharon Attard De Giovanni via email to (sharon.c.attard@gov.mt). Applications will close on Tuesday, 26th June, 2018.

15th June, 2018

MEDICINES AUTHORITY

Posts with the Medicines Authority

The Medicines Authority invites applications for:

Medicines Inspectors (Jobsplus Permit No: 314/2018).

Documentation Officer (Jobsplus Permit No: 304/2018).

Further information may be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers).

Applications are to be submitted by not later than noon of Saturday, 23rd June, 2018, to (hr.medicinesauthority@gov.mt).

15th June, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jinforma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv (Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali u persuni li jkunu kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi) jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (www.localgovernment.gov.mt) u indirizzata:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali Ħal Lija
27, Triq Robert Mifsud Bonnici
Ħal Lija

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar tat-Tnejn, it-2 ta' Lulju, 2018.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Formola tal-applikazzjoni verżjoni bil-Malti: (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(M).pdf).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Ħal Lija Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons, (Executive Secretaries serving within Local Councils and Regional Committees and persons who have qualified as Prospective Executive Secretaries) may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government (www.localgovernment.gov.mt) and addressed to:

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
Ħal Lija Local Council
27, Triq Robert Mifsud Bonnici
Ħal Lija

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Monday, 2nd July, 2018

Late applications will not be considered.

Application form in the English version: (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(E).pdf).

15th June, 2018

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETA' SOĊJALI

Irtirar - Post ta' *Junior Legal Officer* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali

B'referenza għas-sejħa li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,956 tat-2 ta' Marzu, 2018 għall-post ta' *Junior Legal Officer* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, ngħarrfu b'din illi l-imsemmija sejħa qed tiġi irtirata.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

MINISTRY FOR THE FAMILY, CHILDREN'S RIGHTS AND SOCIAL SOLIDARITY

Withdrawal – Post of Junior Legal Officer in the Department for Social Welfare Standards

With reference to the call for applications published in Government Gazette No. 19,956 of the 2nd March, 2018 for the Post of Junior Legal Officer in the Department for Social Welfare Standards in the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, it is hereby notified that the said call is being withdrawn.

15th June, 2018

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Awtorizzazzjoni għall-Persuni li Jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku Skont l-Avviż Legali 225 tal-2010 Awtorizzazzjoni – Lulju 2018

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination Required for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as Per Legal Notice 225 of 2010 – July 2018

The Director of Examinations notifies that the notice of the above-mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numri tat-telefown 2598 2953 jew 2598 2956.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Dokument ta' Verifika Dwar Stima Ambjentali għall-*Marsaxlokk Inner Harbour Area Environment and Development Brief* (2017)

L-Awtorità tal-Ippjanar b'dan l-avviż qiegħda tgħarraf id-deċiżjoni li ttieħdet li m'hemmx bżonn ta' Stima Ambjentali Strateġika għall-*Marsaxlokk Inner Harbour Area Environment and Development Brief* (2017), skont ir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika S.L. 459.61.

Id-dokument ta' verifika jista' jitnizzel mis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar:

(https://www.pa.org.mt/en/development-brief-details/marsaxlokk-inner-harbour-environment-and-development).

Il-15 ta' Ġunju, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju, 2018, mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m., Triq San Bartilmew se tkun magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja. Ħadd ma jista' jipparkja f'din it-triq waqt dawn il-ħinijiet.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

KUNSILL LOKALI L-ĦAMRUN

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf li Misraħ is-7 ta' Ġunju, se jkun magħluq għat-traffiku kollu, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, tat-Tnejn, it-18 ta' Ġunju, 2018.

Ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ is-7 ta' Ġunju u fiż-żona tal-parkeġġ tal-istess pjazza mis-1.00 p.m. 'il quddiem.

Traffiku li ġej minn Triq Giovanni Barbara, Triq Atocia u Triq il-Loġġa se jiġi ddevjat.

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

Those applicants who have not received the notice of the examination are advised to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone numbers 2598 2953 or 2598 2956.

15th June, 2018

PLANNING AUTHORITY

Strategic Environment Assessment Screening Document for the Marsaxlokk Inner Harbour Area Environment and Development Brief (2017)

The Planning Authority is hereby publishing its decision that a Strategic Environmental Assessment for the Marsaxlokk Inner Harbour Area Environment and Development Brief (2017), is not required, as per Regulation 4(3) of the Strategic Environmental Assessment Regulations S.L.459.61.

The screening document may be downloaded from the Planning Authority's website:

(https://www.pa.org.mt/en/development-brief-details/marsaxlokk-inner-harbour-environment-and-development).

15th June, 2018

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Saturday, 16th June, 2018 from 7.00 a.m. till 4.00 p.m., Triq San Bartilmew will be closed for traffic and parking. Vehicles are not allowed to be parked in this road during these times.

15th June, 2018

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħamrun Local Council notifies that, Misraħ is-7 ta' Ġunju will be closed for all traffic, from 5.00 p.m. till midnight on Monday, 18th June, 2018.

No parking is allowed in Misraħ is-7 ta' Ġunju and the parking area in the same square as from 1.00 p.m. onwards.

Oncoming traffic from Triq Giovanni Barbara, Triq Atocia and Triq il-Loġġa will be diverted.

Parked vehicles will be towed.

15th June, 2018

KUNSILL LOKALI PAOLA

Żona ġdida għal Kjosks fil-Festa ta' Kristu Re

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bil-Leġiżlazzjoni sussidjarja L.S. 441.04 10(8) tal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, il-Kunsill Lokali Paola qed javża li fid-dawl ta' tmiem tal-proġett ta' Pjazza Antoine De Paule, qiegħed jidentifika żona ġdida għal Gabbani/Kjosks fi Pjazza Antoine De Paule u t-toroq tal-madwar għal festa ta' Kristu Re kif elenkat fil-pjanta esebita fuq in-*notice board* tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali Paola.

Applikazzjonijiet għal festa ta' Kristu Re li se taħbat il-Ħadd, 29 ta' Lulju, 2018, se jkunu miftuħa mit-Tlieta, 26 ta' Ġunju, 2018 sal-Ħamis, 28 ta' Ġunju, 2018 fil-ħinijiet tal-uffiċċju, fil-Kunsill Lokali Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

PAOLA LOCAL COUNCIL

New Zone for Kiosks during Christ the King Feast

In exercise of the powers conferred by the Subsidiary Legislation S.L 441.04 10(8) of the Trading License Act, the Paola Local Council notifies that due to the completion of the Paola Square Project, the Paola Local Council has identified new zones for kiosks in Pjazza Antoine De Paule and surrounding streets to operate during Christ the King Feast as highlighted in the site plan which can be viewed on the notice board of the Paola Local Council offices.

Applications for permits for Christ the King Feast which will be celebrated on Sunday, 29th July, 2018 will be open from Tuesday, 26th June, 2018 till Thursday, 28th June, 2018 during office hours at the Paola Local Council offices in Paul Boffa Gardens, Triq il-Knisja, Paola.

15th June, 2018

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf li nhar is-Sibt, it-23 ta' Ġunju, 2018, bejn is-1.00 p.m. u s-7.00 p.m., fi Triq l-Imġarr se ssir attività ta' tiġrijiet taż-żwiemel u għalhekk it-triq se tkun magħluqa għat-traffiku minn ħdejn it-*traffic lights* kantuniera ma' Triq il-Madonna tar-Rummiena sa ħdejn ir-*roundabout* fi Triq l-Imġarr kantuniera ma' Triq San Bert.

Il-15 ta' Ġunju, 2018

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Xewkija Local Council notifies that on Saturday, 23rd June, 2018, between 1.00 p.m. and 7.00 p.m., a horse racing activity will be held at Triq l-Imġarr. Therefore, Triq l-Imġarr from the traffic lights corner with Triq il-Madonna tar-Rummiena to the roundabout in Triq l-Imġarr corner with Triq San Bert will be closed to traffic.

15th June, 2018

KUNSILL LOKALI IL-FURJANA

Permessi Temporanji ta' Tpoġġija ta' Posti

Il-Kunsill Lokali Il-Furjana jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għal permessi temporanji għal tpoġġija ta' posti għall-Isle of MTV li se jsir nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Ġunju, 2018, se jintlaqgħu fid-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Ġunju, 2018.

